**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D, M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2025**

**Talba Nru: 147/2023MD**

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha GasanZammit Motors Limited skond il-liġi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim C22003116)**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited (C 20340) bħala aġenti tas-soċjeta' estera Grimaldi Group SpA u Grimaldi Euromed SpA**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-21 ta' April, 2023[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet li s-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma ta' tlett'elef, erba' mija u tlieta u għoxrin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€3,423.91) rappreżentanti in kwantu għal elfejn, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€2,956.91) rappreżentanti ħsarat u danni sofferti mill-assikurata GasanZammit Motors Limited fuq konsenja ta' sebgħa u ħamsin vettura Ford li waslu Malta fit-8 ta' Awissu 2022 abbord il-vapur Euro Cargo Catania, u kwantu għal erba' mija u sebgħa u sittin Ewro (€467) rappreżentanti *survey fees* relattivi għall-istess *claim*; bl-ispejjeż u bl-interessi u bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-rikors.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra r-risposta tas-soċjeta' konvenuta datata 6 ta' Ġunju, 2023[2] li permezz tagħha eċċepiet:

> *Illi in linea preliminari dan l-Onorabbli tribunal huwa svestit mill-ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi din il-vertenza u dan skond (i) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-poza ta' karigu (bill of lading) in kwistjoni u (ii) ai termini tad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) Nru 593/2007 u/jew Nru 1215/2012.*
>
> *Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta' attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u s-soċjeta' attriċi għandha tipprova d-danni li allegatament ġew ikkaġunati u jekk din il-prova tinġieb, is-soċjeta' attriċi xorta waħda trid tipprova illi l-istess danni seħħew minħabba xi tort jew negliġenza, jew ommissjoni da parti tas-soċjeta' konvenuta fil-kapaċita' surreferita, kif ukoll li l-istess soċjeta' konvenuta hija legalment responsabbli għall-allegat danni sofferti.*
>
> *Illi subordinament u dato ma non concesso, jekk jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi b'xi mod tirnexxilha tipprova l-allegati danni u li dawn ġew ikkawżati minħabba xi tort jew negliġenza tas-soċjeta' konvenuta, ir-responsabbilta' tal-istess soċjeta' konvenuta hija xorta waħda limitata skond it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu u skond il-Liġi applikabbli.*

Ra l-affidavits prodotti mill-partijiet;

Sema x-xhieda tal-partijiet;

Ra d-dokumenti u l-provi li ġew esebiti in atti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra n-noti ta' noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attrici titlob li s-soċjeta' konvenuta tħallasha s-somma ta' tlett'elef, erba' mija u tlieta u għoxrin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€3,423.91) rappreżentanti in kwantu għal elfejn, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€2,956.91) rappreżentanti ħsarat u danni sofferti mill-assikurata GasanZammit Motors Limited fuq konsenja ta' sebgħa u ħamsin vettura Ford li waslu Malta fit-8 ta' Awissu 2022 abbord il-vapur Cargo Catania, u kwantu għal erba' mija u sebgħa u sittin Ewro (€467) rappreżentanti *survey fees* relattivi għall-istess *claim*.

[2] A fol 5 et seq tal-proċess

**Kunsiderazzjonijiet**

Ra l-affidavit ta' **John Galdes**[3] li permezz tiegħu ddikjara li għandu l-kariga ta' *Senior Manager* fil-*Claims Department* ta' GasanMamo Insurance Limited. Il-klijent tagħhom GasanZammit Motors Limited kien assikura magħhom konsenja konsistenti minn diversi vetturi Ford li kellhom jiġu Malta minn Spanja tramite kumpannija Grimaldi Lines. L-arranġament biex titwassal f'Malta l-merkanzija saret direttament minn Ford. Meta dawn il-vetturi waslu Malta f'Awissu tas-sena 2022, abbord il-vapur EuroCargo Catania, irriżulta illi kien hemm diversi ħsarat fuq vettura partikolari biċ-*chassis number* WFOFXXWPMHHNM03958. Il-ħsarat u nuqqasijiet in kwistjoni kienu jammontaw għal valur ta' €2,956.91 u huma ħallsu lill-klijent tagħhom, GasanZammit Motors Limited, dan l-ammont u b'hekk ġew surrogati fid-drittijiet tiegħu. Qabbdu ukoll *surveyor*, Jason Vassallo tad-ditta Equitas, u l-ispejjeż ta' dan is-*survey* ġie jammonta għal €467.00. Wara li ħallsu l-*claim*, bdew l-proċedura tar-*recovery* u ġabru d-dokumenti relattivi għall-*claim* mingħand is-soċjeta' assikurata. Mid-dokumentazzjoni li rċievew irriżulta li l-ħsara li ġarrbet il-merkanzija seħħet meta l-merkanzija kienet fil-pussess u taħt ir-responsabilita' tas-soċjeta' Grimaldi Euromed SpA u kien għalhekk li huma żammewhom responsabbli għal dawn id-danni *tramite* l-aġent tagħhom hawn Malta, is-socjeta' Sullivan Maritime Limited. Ikkorrispondew mas-soċjeta' Sullivan Maritime Limited bħala aġent tal-kumpanija Grimaldi Euromed SpA iżda ma waslu imkien u għalhekk kellhom jipproċedu bil-kawża. Illi f'dawn il-proċeduri, is-soċjeta' Sullivan Maritime Limited eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin f'din il-vertenza. Irrileva illi għalkemm is-soċjeta' attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha, l-assikurata innifisha, ma kellha ebda involviment fin-negozjar tat-termini u kundizzjonijiet li hemm fil-polza ta' kariku. Kompla jgħid li klawsola 2 tal-polza ta' kariku, li wieħed jifhem li fuq bażi tagħha qed issir din l-eċċezzjoni, tistipula s-segwenti:

"*Any and all claims and/or disputes arising under the contract of carriage evidenced by this Bill of Lading or in connection therewith shall be brought before and determined by the Courts of Naples and in accordance with the law of Italy, unless otherwise provided herein. The Carrier, however, reserves the right to take legal action against the Merchant and/or the Holder as well at any other Competent Court.*"

Kompla jirrileva li f'dan il-każ il-ħatt u l-konsenja tal-merkanzija saret hawn Malta. Barra minn hekk ix-xhieda kollha li jridu jittellgħu f'din il-kawża huma persuni Maltin impjegati ma' kumpanniji Maltin li xi wħud minnhom lanqas ma huma partijiet fil-kawża bħal ma huma l-assikurat innifsu, is-*surveyor*, u persuni li kienu involuti fil-konsenja tal-merkanzija, rappreżentanti ta' Valletta Gateway Terminals Limited, *tally clerks* kif ukoll impjegati li ħadmu fuq din il-*claim* li kollha jridu jixhdu dwar dan il-każ. Huwa diffiċli ferm li wieħed jippretendi li x-xhieda kollha li hemm involuti f'din il-kawża, jintbagħtu jixhdu ġewwa l-Italja, kif ukoll possibilment il-merkanzija tittieħed ġewwa l-Italja jekk ikun hemm ħtieġa li tiġi eżaminata meta l-kawża in kwistjoni hija magħmula minn kumpanija Maltija waħda lejn kumpanija oħra Maltija. Għalhekk huwa evidenti li l-forum konvenjenti huwa Malta u mhux pajjiż ieħor. Illi għalhekk tali klawsola kontenuta fil-polza ta' kariku toħloq preġudizzju serju lil GasanMamo Insurance Limited *stante* li hija mistennija tiftaħ proċeduri ġewwa Napli biss filwaqt li s-soċjeta' Grimaldi u/jew l-aġent tagħha Sullivan Maritime Limited għandha dritt tiftaħ kawżi fi kwalunkwe ġurisdizzjoni oħra kompetenti. Għalhekk huwa evidenti li l-kawża għandha

[3] A fol 14 et tal-proċess

tipproċedi fil-Qrati Maltin u mhux ġewwa Napli u jikkontendu li s-soċjeta' konvenuta għandha tagħmel tajjeb għall-ħsarat sofferti u għandha tħallas is-somma ta' €2956.91 rappreżentanti spejjeż sabiex issewwew il-ħsarat[4] u €467 rappreżentanti *survey fees* imħallsa lil Jasan Vassallo ta' Equitas[5] li komplessivament jammontaw għal €3423.91.

Ra l-affidavit ta' **Brian Attard[6]** li permezz tiegħu ddikjara li jokkupa l-kariga ta' *General Manager* fis-*Sales Department* fi ħdan GasanZammit Motors Limited u hu inkarigat li jieħu ħsieb id-ditti tal-vetturi li jimpurtaw. Fid-9 ta' Awissu 2022, kienu irċievew *notice of arrival* mingħand Sullivan Maritime Limited li huma l-aġenti ta' Grimaldi Group, fejn infurmawhom li konsenja ta' vetturi konsistenti minn 57 Ford Kuga kienu waslu Malta fit-8 ta' Awissu 2022[7] minn Salerno (oriġinarjament kienu telqu minn Spanja) abbord il-vapur EuroCargo Catania. Min-naħa tagħom, fid-9 ta' Awissu 2022, kien mar Curt Farrugia mill-*pre-delivery inspection department* ta' GasanZammit Motors Limited biex jispezzjona l-vetturi ma' Jason Vassallo li huwa *surveyor*. Dawn kienu jinsabu fil-*compound* ta' Valletta Gateway Terminals Limited. Waqt din l-ispezzjoni ġew innutati diversi ħsarat speċjalment fuq il-vettura Ford Kuga WFOFXXWPMHNM03958. Din il-merkanzija kienet assikurata ma GasanMamo Insurance Limited u infurmawhom mill-ewwel li kienu sabu l-ħsarat. Wara li din il-vettura (kif ukoll l-oħrajn) ġiet irralaxxata min-naħa tal-Valletta Gateway Terminals Limited, ħaduha l-*body shop* tagħhom, fejn raw xi ħsarat kien hemm u ħarġu stima għall-finijiet tal-assikurazzjoni. Għaddew l-elenku tal-ħsarat li kien hemm lil GasanMamo Insurance Limited, min-naħa tagħhom għamlu l-verifiki neċessarji, eventwalment sewwew l-vettura u l-ispejjeż tal-ħsarat ġew jammontaw għal €2956.91 eskluż VAT[8]. Min-naħa tagħhom, GasanMamo Insurance Limited ħallsuhom din is-somma u għalhekk iffirma id-*discharge and subrogation form*[9] u minn hemm 'il quddiem il-kwistjoni għaddiet għal għand GasanMamo Insurance Limited.

Sema lil **Jason Vassallo**[10] li ddikjara li hu *Cargo Surveyor* li jaħdem taħt l-isem Equitas. Il-konsenja ta vetturi Ford li waslu Malta f'Awissu tas-sena 2022 spezzjonahom ġewwa Wharf Kordin, Marsa. Dawn il-karozzi waslu Malta bil-vapur EuroCargo Catania fit-8 ta' Awissu, 2022. Waqt l-ispezzjoni seta' kien hemm Curt Farrugia tal-importatur GasanZammit Motors. Ippreżenta rapport u kkonferma li ħejjieh hu[11]. B'referenza għal paġna 7 tar-rapport dwar il-vettrua ford Kuga bic-chassis numru jispiċċa 3958, item 33, spjega li meta spezzjona din il-vettura nnota li kien hemm xi ħmieġ tal-għasafar fuq il-*bonnet* u fuq is-saqaf, kien hemm brix mal-*mudguard* ta' quddiem, mal-*bumper* ta' quddiem, mal-bieba u l-manku ta' quddiem tan-naħa tax-xellug, mal-bieba tax-xellug tan-naħa ta' wara, il-*mudguard* tax-xellug tan-naħa ta' wara u fuq il-*wheel arch*. Ikkonferma li ħareġ il-kont fis-somma ta' €476[12] u li tħallas minn GasanMamo Insurance.

---

[4] A fol 16 et seq tal-proċess
[5] A fol 20 tal-proċess
[6] A fol 21 tal-proċess
[7] A fol 22 et seq tal-proċess
[8] A fol 24 et seq tsl-proċess
[9] A fol 27 tal-proċess
[10] A fol 28 et seq tal-proċess; xhieda datata 24 ta' Ottubru, 2023
[11] A fol 31 et seq tal-proċess
[12] A fol 39 tal-proċess

Sema lil **Leonard Brincat**[13] li ddikjara li hu jaħdem mal-Valletta Gateway Terminals u l-kariga tiegħu hija ta' Senior Claims Supervisor. Bħala proċedura, meta karozzi jinżlu minn fuq il-vapur fuq ir-rampa it-*tally clerks* tagħhom ikollhom *tablet* u jittalljaw iċ-*chassis number* biss. Malli tinżel il-vettura, skont it-*terms and conditions* tal-kumpanija, mal-mument li tieqaf l-*car compound* il-vettura tiġi ċċekjata sabiex jaraw x'nuqqasijiet hemm u jagħmlu r-rimarki u dan minħabba sigurta'. Huma u neżlin mir-rampa tal-vapur ma jistgħux jiċċekjawhom waħda waħda. F'dan il-każ ma ċċekkjahomx hu personalment u l-persuna li għamlet it-*tally sheet*[14] kien Attilio Zammit u minflok għamel 03958 għamel 03950 fir-rimarka taċ-*chassis*[15]. Kompla jispjega li wara jmur l-importatur tal-vetturi sabiex jiċċekkjahom min-naħa tiegħu qabel ma jeħodhom, jitla' l-uffiċċju tagħhom u jinkitbu rimarki fuq il-GPO. Meta joħorġu mingħandhom dak li jinkiteb fuq il-GPO ikun jgħodd u jekk ma hemmx rimarki jkun ifisser li għalihom ikunu ħarġu tajjeb minn għandhom.

Sema lil **Attilio Zammit**[16] li ddikjara li huwa *Operation Supervisor* u jiċċekja l-vetturi. B'referenza għad-dokument LB2[17] għaraf il-firma tiegħu u spjega illi jiċċekjaw il-vetturi meta jinżlu minn fuq il-vapur u ċioe' fil-*car compound* għal daqqiet minn barra u nuqqasijiet minn ġewwa u li jsibu jniżżluhom bħala rimarki. Fir-rigward tal-vettura Ford Kuga biċ-*chassis number* li jispiċċa 03958 spjega li niżżel in-numru taċ-*chassis* bi żball liema numru taċ-*chassis* kellu jispiċċa 03958 u mhux 03950. Kompla jispjega li sab li kellha *one charging cable only, luggage booth locked, dust, dirt, bird droppings*. Dawn in-nuqqasijiet huma jindunaw bihom fil-*car compound*.

Fil-kontro-eżami[18] ikkonferma li hu *Operations Supervisor* ma Valletta Gateway Terminals. Ikkonferma li ffirma il-*gate pass out* u li għamel it-*tally sheet* li tirrigwardja il-polza ta' karigu S322706064. Spjega li huma jiċċekkjaw il-vetturi l-ġodda fil-*car compound* u kull marka li jsibu jniżżluha fuq *rough paper* u mbagħad jidħol l-uffiċċju u jiktibha fit-*tally sheet*. Ikkonferma li fis-sezzjoni tar-rimarki fit-tieni linja hemm miktub 03950 li jirreferi għal VIN *number* u *both sides scratched*. Reġa' kkonferma li kiteb l-aħħar numru ħażin u kien qed jirreferi għan-numru 03598 u li kellha *both sides scratched*. B'referenza għal-*gate pass out* u li hemm miktib *left side biss scratched* spjega li meta jmorru għaliha l-klijenti ġieli per eżempju jiċċekkjaw il-vetturi u jgħidulhom li tmur, ineħħuha u jgħidulhom li jkunu jriduha fuq l-oħra biss. F'dan il-każ ir-rappreżentant ta' Gasan kien qalilhom li kien importanti li titniżżel tan-naħa tax-xellug.

Ra l-affidavit ta' **Jonathan Saliba**[19] li permezz tiegħu ddikjara li hu jaħdem ma GasamMamo Insurance Limited bħala *Vehicle Surveyor*, u fid-29 ta' Awissu, 2022 kien ġie inkarigat jagħmel *survey* fuq vettura Ford Kuga biċ-*chassis number* WF0FXXWPMHNM03958 li kienet waslet Malta u kellha diversi ħsarat. Eżamina l-ħsarat li sab fuq il-vettura u esebixxa r-rapport redatt minnu[20] u kkonfermah. Spjega li kellhom jiġu mibdula xi *parts*, kien hemm *labour costs* sabiex dawn jinbidlu, kif ukoll saru xi tiswijiet oħrajn li huma elenkati fir-rapport.

---

[13] A fol 42 et seq tal-proċess, xhieda datata 8 ta' Frar, 2023
[14] A fol 49 et seq tal-proċess
[15] A fol 48 tal-proċess
[16] A fol 44 et seq tal-proċess, xhieda datata 8 ta' Frar, 2024
[17] A fol 49 et seq tal-proċess
[18] A fol 81 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 30 ta' Jannar, 2025
[19] A fol 53 tal-proċess
[20] A fol 54 et seq tal-proċess

Fil-kontro-eżami[21] spjega li xogħlu kien li joħroġ rapport tal-ħsarat li ġarrbet il-vettura Ford Kuga. B'referenza għas-*survey report* li għamel hu spjega li l-vettura hija SUV li hija *hybrid* u *automatic* u hemm nota li hemm ħsarat *medium left hand damage* li qed taffettwa it-trim u l-*cosmetic* tal-vettura u kkonferma li r-ritratt tal-ħsarat qed jirreferu għan-naħa tax-xellug u ċioe' jibdew mill-*bumper* ta' quddiem u l-ġenb tan-naħa tax-xellug.

Fir-ri-eżami[22] b'referenza għall-*fol* 54 tal-proċess spjega li taħt *labour* hemm lista ta' xogħolijiet li kellhom isiru u b'referenza għar-raba' punt jindika *front bumper grill* u dan huwa *to remove and refitt* għaliex meta taqla *bumper* biex tirranġa trid twaħħal u terġa taqla'.

Ra l-affidavit ta' **Emanuel Portelli[23]** li ddikjara li hu *Senior Manager* mas-soċjeta' Sullivan Maritime Limited (C-20340) ta' 21/22, St. Barbara Bastion, Valletta, u ilu jaħdem magħhom 'il fuq minn sitta u għoxrin (26) sena. Fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminarja, is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li l-Qrati u t-Tribunali Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni li jisimgħu u jiddeċiedu din il-vertenza u dan skont kif maħsub fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-karigu (*bill of lading*) tal-prinċipal tagħha u kif ukoll skont il-liġi Ewropea. Is-soċjeta' Sullivan Maritime Limited topera bħala l-aġent lokali ta' Grimaldi Euromed SpA, u ċioe' fit-territorju ta' Malta biss u tgħin lill-istess Prinċipal tagħha hawn Malta billi tieħu prenotazzjonijiet ta' klijenti Maltin għall-ġarr ta' *trailers* u merkanzija Ro-Ro kif ukoll dik konvenzjonali abbord il-bastimenti ta' Grimaldi Lines li joperaw fuq ir-rotta minn Malta għal Italja u *vice versa*. Addizzjonalment, is-soċjeta' tiġbor il-ħlasijiet għad-diversi servizzi offruti mill-Prinċipal lil dawn l-klijenti Maltin. Jifhem li din it-talba għandha x'taqsam ma' allegati danni mġarrba minn vettura tal-għamla Ford li kienet tifforma parti minn kunsinja ta' sebgħa u ħamsin (57) vettura u li l-konsinjatur tagħhom, kif stipulat mill-polza tal-karigu relattiv, kien Gasan Zammit Motors Limited u annetta kopja tal-polza ta' karigu rilevanti numru S322706064[24] li turi li din il-vettura speċifika tad-ditta Ford mudell Kuga Courier b'VIN Number WFOFXXWPMHNM03958 kienet abbord il-bastiment. Il-vettura in kwistjoni waslet Malta fit-tmienja (8) ta' Awwissu 2022.

GasanZammit Motors Limited, liema soċjeta' kienet l-konsenjatrici tal-vettura in eżami u sa fejn jaf hu hija l-importatriċi u distributriċi tal-vetturi tal-għamla Ford ġewwa Malta, filwaqt li is-*shipper* kienet is-socjeta' estera FORD WERKE GMBH u għalhekk huma bħala aġenti ma jkollhomx x'jaqsmu mal-prenotazzjoni tal-imsemmija konsenja. L-involvement tagħhom f'dan il-każ ikun prinċipalment li jieħdu ħsieb loġistikament li l-konsenjatriċi jkun jaf li waslet il-kunsinna. Filfatt fl-istess polza ta' karigu, l-aġent tal-prinċipal li ħa ħsieb din il-prenotazzjoni kienet Grimaldi Logistica Espana. Sewwa jingħad ukoll li r-relazzjoni bejn il-Prinċipal tagħhom u Ford tmur lura 'l fuq minn ħamsin (50) sena. F'dan ir-rigward żied ukoll li s-soċjeta' Ford, għandha arranġament speċjali li ilu żmien stabbilit mal-Grimaldi Lines. Skont dan l-arranġament Ford jużaw is-servizzi ta' Grimaldi Lines esklussivament sabiex iġorru l-vetturi ġodda, u sa fejn jaf hu, dan l-arranġament japplika madwar l-Ewropa kollha u f'bosta pajjiżi oħrajn fil-Mediterran. Għalhekk Ford huma klijenti kbar tal-Grimaldi Lines u huma ferm konxji tat-termini u kundizzjonijiet li japplikaw fir-rigward il-ġarr tal-karozzi tagħhom abbord il-bastimenti ta' Grimaldi Lines. Tant hu hekk li Ford għandhom ftehim speċjali ma Grimaldi fejn il-merkanzija għandha tiġi rilaxxata lill-kunsinjatarji relattivi mingħajr dawn ma jkollhom kopji

[21] A fol 78 et seq tal-proċess, konro-eżami datat 30 ta' Jannar, 2025
[22] A fol 79 tal-proċess, ibid
[23] A fol 64 et seq tal-proċess
[24] A fol 71 et seq tal-proċess

originali tal-polza tal-karigu relattiva. Mill-imsemmija polza tal-karigu, is-*shipper* jidher li huwa Ford Werke Gmbh u l-konsinjatur tal-vetturi mill-polza tal-karigu huwa GasanZammit Motors Limited. Il-*carrier* kien Grimaldi Euromed SpA. Il-vetturi ntbagħtu minn Sagunto, il-Valencia, lejn il-Port il-Kbir, il-Belt Valletta permezz tal-bastimenti EuroCargo Roma u l-bastiment EuroCargo Catania li vjaġġa minn Sagunto għal Malta wara li l-merkanzija ġiet trasbordjata ġewwa Salerno l-aġent involut baqa' Grimaldi Logistica Espana. Ta' min isemmi wkoll li normalment l-kuntratt ta' ġarr isir mis-*shipper* mal-*carrier*. Madankollu, id-drittijiet kollha tas-*shipper* kontra l-carrier taħt il-polza tal-karigu huma, skont l-użanza, mgħoddija lill-konsinjatur mal-mogħdija tat-titolu fil-proprjetà mibgħuta. Għalhekk, ladarba l-konsinjatur iħallas is-*shipper* u jirċievi l-merkanzija, jista' jfittex lill-*carrier* taħt il-polza tal-karigu u skond l-istess termini u kundizzjoni li hemm miktubin.

Kompla jispjega li l-polza tal-karigu hija evidenza tal-kuntratt tal-ġarr, li f'dan il-każ sar sabiex jitwettaq it-trasport tal-merkanzija elenkata fiha. Il-ġarr imbagħad isir soġġett għat-termini u l- kundizzjonijiet stipulati hemmhekk. Għaldaqstant, il-ġarr tal-vettura in kwistjoni, jiġifieri il-Ford Kuga b'VIN Number WFOFXXWPMHNM03958, huwa rregolat mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-karigu numru S322706064[25]. Illi t-termini u kundizzjonijiet jistgħu jiġu aċċessati fuq is-sit elettroniku tal-prinċipal fejn hemm il-kundizzjonijiet jistgħu jinqraw b'mod ċar u fil-kumdita' ta' dak li jkun. Għamel referenza għal Klawżola 2 tal-imsemmija polza tal-karigu t-termini u kundizzjonijiet intitolata Liġi u Ġurisdizzjoni li tgħid:

*'Any and all claims and/or disputes and/or disputes arising under the contract of carriage evidenced by this Bill of Lading or in connection therewith shall be brought before and determined by the Courts of Naples and in accordance with the Law of Italy, unless otherwise provided herein...'*

Għaldaqstant, kwalunkwe azzjoni mis-*shipper* jew il-konsinijatur taħt il-polza li tinġieb kontra l-vettural għandha titressaq quddiem il-Qrati ta' Napli fl-Italja u l-Liġi regolatorja għandha tkun il-Liġi Taljana. Din il-klawżola għandha tagħti serħan il-moħħ billi s-*shipper*, il-konsinjatur u kwalunkwe terz ikunu jafu fejn għandhom jistitwixxu proċeduri kontra l-vettural, f'dan il-każ ġewwa Napli, Italja. Semma li fit-taqsima tat-termini u kundizzjonijiet fil-polza ta' karigu hemm miktub li s-*shipper* qed jaċċetta l-kundizzjonijiet taħt il-polza. Dan huwa importanti immens f'każijiet li hemm element ta' kummerċ ta' karattru internazzjonali. Fiċ-ċirkostanzi odjerni, hemm diversi partijiet ta' nazzjonalitajiet differenti għaliex għandhom *shipper* Ġermaniż, konsinjatarju Malti, *carrier* Taljan u hemm ukoll il-bastiment Taljan. Qal li l-allegazzjoni tas-soċjeta' attriċi hija allegat danni ġew sofferti abbord bastiment fi triqtu lejn Malta u ċioe' għalhekk wieħed għandu jifhem li qed jallegaw li dawn id-danni ġew ikkaġunati barra minn xtutna. Dan isaħħah l-argument li l-poloz ta' karigu humaa ta' natura internazzjonali. Iħoss li s-soċjeta' attriċi qatt ma kellha tiftaħ din il-kawża hawn Malta kontra l-aġenti Maltin tal-prinċipal Taljan fejn il-*booking* lanqas biss ġie mingħand is-soċjeta' attriċi jew minn ġewwa Malta u meta fl-istess hin, kienu ben konxji tal-eżistenza tal-klawżola ġurisdizzjonali fil-polza ta' karigu tal-prinċipal tagħhom li ġew aċċetati minn Ford għal medda ta' snin. Il-partijiet kollha setgħu jaraw minn qabel li hemm klawżola ġurisdizzjonali u messhom irregolaw ruħhom skont l-istess klawżoła. Minn barra dan kollu, il-mandat tagħhom ma jestendix għal *bookings* li jiġu minn ġewwa pajjiżi oħra. Iħoss li s-soċjeta' attriċi qed

[25] A fol 71 et seq tal-proċess

tipprova tinqeda biha sabiex tipprova targumenta li l-Qrati u Tribunali Maltin għandhom ġurisdizzjoni.

Kompla jispjega li dwar il-mertu tal-kawża, qed jiġi allegat li l-vettura in kwistjoni, Ford Kuga b'VIN Number WFOFXXWPMHNM03958, soffriet danni waqt li kienet abbord il-bastiment ta' Grimaldi u fi triqtha lejn Malta. Sa fejn jaf hu, qatt ma ra jew ġie fornut ebda dokumentazzjoni jew rapporti li kkonfermaw li l-vettura in kwistjoni sostniet danni wara li din ġiet mgħobbija f'Sagunto u qabel ma din ġiet mħatta Malta. Hemm diversi postijiet u okkażżjonijiet fejn l-allegat dannu in kwistjoni seta' sehh, sew fil-fabbrika stess, sew mill-fabbrika fi triqtha lejn il-port fejn tħalliet qabel ma ġiet mgħobbija. Qal ukoll li qatt ma ġie muri ebda prova li kien hemm xi negliġenza da parti tal-ekwipaġġ jew tal-vettural. Jingħad li fil-polza ta' karigu, hemm miktub b'mod ċar li l-vettural, l-aġenti tiegħu u l-impjegati tal-istess, m'għandhomx jinstabu responsabbli għat-telf jew danni lill-merkanzija, qabel ma dawn jaċċettaw tali merkanzija jew wara li sseħħ l-kunsinna. Dan ikompli jissottolinja li kwalunkwe dannu li setgħet sofriet il-vettura qabel ma din tgħabbiet fuq il-bastiment, m'għandux ikun ir-responsabbiltà tal-vettural, wisq inqas ta' l-aġent tiegħu, speċjalment jekk dan l-aġent jinsab f'pajjiż differenti minn fejn seħħet il-prenotazzjoni u t-tgħabbija tal-vettura. Fir-rigward tal-kunsinna, il-polza ta' karigu tgħid li l-kunsinna sseħħ meta l-merkanzija tiġi rilaxxata mill-bastiment fil-port taż-żbarkament. Dan ifisser b'mod ċar li, mill-mument li l-vettura titlaq mir-rampa tal-bastiment, la l-vettural u wisq inqas l-aġenti tiegħu jkunu responsabbli taħt il-kuntratt ta' ġarr għal kwalunkwe dannu li jista' jinqala' minn dak il-punt 'il quddiem. L-istess jista' jingħad għal x'jiġri qabel mal-vettura titla' abbord. Għaldaqstant, il-mistoqsija naturali hija kif jista' jigi eskluż li d-dannu li ġie allegatament osservat fil-*car compound* tat-*terminal* ma seħħx qabel ma tgħabbiet jew waqt li niżlet mir-rampa. Abbażi ta' dan kollu, jistaqsi kif jista' jingħad b'mod assertiv li l-allegati danni saru waqt il-ġarr tal-merkanzija, u li dawn ma sarux qabel ma din il-vettura tgħabbiet abbord jew wara li din ġiet mħatta mill-bastiment ġewwa Malta. Qal ukoll li anki kieku stess l-allegati danni seħħew waqt li l-vettura kienet fit-tragitt tagħha lejn Malta u b'xi forma ta' tort kontribwit lill-vettural, fil-wiċċ tal-Polza ta' Karigu, b'mod ċar u inekwivoku hemm miktub:

*"NEW UNPACKED AND UNPROTECTED VEHICLE. THE VESSEL, CARRIER, MASTER, CREW AND/OR AGENT/S <u>ARE NOT RESPONSIBLE FOR DENTS, BENTS, SCRATCHES, BUMPS</u>....AND/OR DAMAGE WHATSOEVER OF ANY KIND, <u>EVEN IF NOT NOTICED BEFORE SHIPMENT</u>."*

Din hija użanza f'dan il-qasam preċiżament għaliex huwa impossibli biex wieħed jikkonferma eżattament meta seħħew dawn it-tipi ta' danni. Iħoss li ma hemm xejn iktar xi jżid ma’ din il-klawżola, li tisħaq b'mod ċar li anki jekk vettura ġdida li kienet *unpacked* (mhux protetġuta ġo xi *trailer* bħal vettura in kwistjoni) jinstabilha xi difett bħal dawk imsemmijin fil-klawżola surreferita, la l-vettural u wisq inqas l-aġent ma jistgħu jinstabu ħatja u responsabbli għal tali danni. *In oltre*, hu ra t-*tally sheet* u l-*Gate Pass Out* li ġew preżentati fl-atti ta' din il-kawża. Stqarr li din id-dokumentazzjoni gerfixtu, u li fis-sitta u għoxrin (26) sena li ilu jaħdem f'dan is-settur rarissimu li jara diskrepanzi ta' din in-natura, fejn it-*tally sheet* u l-*Gate Pass Out* ma jaqblux bejniethom fir-rigward tan-numru tal-VIN Number u d-deskrizzjoni tad-dannu mġarrab. Ikkonkluda li bħala aġenti għal u f’isem il-principal tagħha, Sullivan Maritime Limited għandha wkoll tkun intitolata li tqajjem l-istess difiżi li jistgħu jitressqu mill-principal tagħha. Konsegwentement, il-Kumpanija, meta taġixxi bhala aġent, hija intitolata li tagħmel użu mill-

protezzjoni mogħtija mit-termini u l-kundizzjonijiet kuntrattwali taħt il-Polza ta' Karigu applikabbli.

Fil-kontro-eżami[26] qal li f'dan il-każ il-moviment tal-aġent ta' Grimaldi ma kienx qiegħed hemm għaliex il-*booking* isir direttament minn Ford Spain f'dan il-każ, mal-linja. Bħala kumpanija huma jsibu l-*cargo* fis-sistema tal-vapur u jipproċessaw minn hemm. Dan mhux *shipment* ta' darba, hemm ftehim li huwa *ongoing agreement* ta' ġarr ta' karozzi mhux biss lejn Malta imma lejn portijiet oħra u ovvjament dik ikollha ċerti *terms and conditions* tal-*carriage*, ta' pagamenti u ta' proċeduri oħra. Spjega li ma jafx jekk hemmx affarijiet differenti minn kuntratti oħra għaliex bħala aġenti m'għandhomx aċċess għal dawk il-kuntratti, għaliex qed jitkellmu fuq *mega contract*, fuq ġarr tal-karozzi kważi madwar id-dinja kollha, pero' it-*terms and conditions* tal-*bill of lading* huma li huma u dawn huma maħruġin minn Hague Visby mbagħad ġew *renewed* ġewwa Hambourg, għalhekk il-*bill of lading* ma hijiex *tailor made* għall-klijent jew inkella għas-*shipper*. Kompla jispjega li arranġament speċjali jiġi taħt ħlasijiet jew inkella per eżempju għar-rilaxx tal-*cargo* hija prassi li l-*consignee* jrid ikollu in *disposition the original bill of lading* sabiex ikun jista' jieħu r-*release* bħala regola ġenerali. L-arranġament li għandhom ma GasanZammit Motors nistgħu nagħtu rilaxx fuq *personal guarantee*, u hekk ġara f'dan il-każ partikolari għaliex il-*bill of lading* ma kienetx għadha fil-pussess tar-riċevitur u huma biex ma jħallux dik il-*loan* fuqhom u fuq kulħadd jieħu r-rilaxx iktar malajr. Pero' din tobbligah illi meta mbagħad jirċievi l-*orginal bill of lading* jibgħatilhom. Ikkonferma li f'dan il-każ il-*consignee* rċievha l-vetturi qabel ma kellu l-*bill of lading* jew kopja tal-istess fil-pussess tiegħu, u kemm bagħtulhom *notice of arrival* tal-konsenja. Ikkonferma li n-*notice of arrival* tinħareġ minn Sullivan bħala aġenti ta' Grimaldi. L-atturi ma kienux konxji bil-klawsola għaliex il-vetturi ingħataw qabel ma kellhom fil-pussess tagħhom il-polza ta' karigu, imma din ma kienetx l-ewwel konsenja u kif qal fix-xhieda preċedenti ir-relazzjoni ta' bejniethom tmur lura għall-għexieren ta' snin u sta għal min qed jagħmel l-arranġament li javża bit-termini u l-kundizzjonijiet ta' dak li jkun. Kompla jgħid li ma kienx qed jassumi li kellhom ikunu jafu a bażi tal-poloz ta' karigu preċedenti u dan għaliex il-polza ta' karigu hija regola fis-settur marittimu u dak li jkun ser jidħol fil-kuntratt biex ikun hemm ġarr ta' merkanzija għandu jkun jaf. Ikkonferma li jaf li saru diversi kawżi kontra is-soċjeta' konvenuta bħala aġent ta' Grimaldi fejn għalkemm tressqet eċċezzjoni dwar ġuridizzjoni xorta waħda l-Qorti semgħet il-kawżi ġewwa Malta u l-klawsola ta' polza ta' karigu kienet hemm. Ikkonferma li bħala regola qabel ma' l-vetturi jitgħabbew fuq il-bastiment issir *shipment tally* u spjega li l-*pre-shipment* isir skont il-ftehim li hemm bejn is-*shipper* u l-vettural, f'dan il-każ il-*carrier* u hemm ċertu ammissjonijiet ta' ħsarat li huma kkunsidrati bħala mhux responsabbli il-vapur, jiġifieri jekk qed jitkellmu fuq dent żgħira, il-vettura titgħabba, jekk il-vettura hija mgħaffġa ssir rimarka. Qabel li bħala fatt il-*bill of lading* trid tirrifletti f'liema stat ittellgħu l-vetturi rrispettivament jekk il-bastiment għandux responsabilita' għal dawn il-ħsarat jew le, li joħorġu mit-*terms and conditions* tal-*bill of lading*, u qiegħda stipulata li l-vapur u l-*carrier* ma humiex responsabbli. Kompla jgħid li l-*carrier* ma huwiex obbligat jniżżel ħsarat qabel ma tittella l-vettura. Qabel ma jitgħabbew fuq il-vapur, il-vetturi jkunu ġo *compund* jew *terminal* u jidħlu t-*terms and conditions* ta' bejn min jixxipja u l-vapur. Qal li jekk ix-xogħol qed jiġi xxipjat per eżempju taħt *free in and free out terms* tfisser li r-responsabilita' tal-*carrier* hija minn Port A sa Port B pero' meta l-merkanzija qiegħda abbord, mhux x'ħin qiegħed ipparkjat f'xi *compound* x'imkien għand xi ħadd. Reġa tenna li qabel ma jiġu mgħobbija l-vetturi fuq il-vapur jiċċekjaw jekk ikunx hemm *dent* żgħira

[26] A fol 87 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 30 ta' Jannar, 2025

li trid tiġi eżatt viċin il-vettura għax inkella l-vapur ma jitlaq qatt mill-port, pero' jekk vettura għandha daqqa viżibbli b'affarijiet miksurin tittieħed nota. Qal li *tally sheet* hawn Malta saret ħażina. Ma tiġiex riflessa fil-*bill of lading*.

Fir-ri-eżami[27] qal li r-relazzjoni ta' bejn Ford u Grimaldi ilha għaddejja u dan għaliex fil-ħamsa u għoxrin (25) sena li ilu mal-kumpanija dejjem jiftakarha din ir-relazzjoni. Jaf li din hija it-tielet ġenerazzjoni għax ilhom minn żmien Gasan ix-xiħ ma Grimaldi x-xiħ li llum mejjet. Kull darba li jkun hemm kunsinna dejjem tkun a bażi tal-polza ta' karigu.

Din il-kawża si tratta dwar danni sofferti mill-assikurata tas-soċjeta' attriċi GasanZammit Motors Limited fuq konsenja ta' sebgħa u ħamsin vettura Ford li waslu Malta fit-8 ta' Awissu, 2022 abbord il-vapur Cargo Catania, *u survey fees* relattivi għall-istess *claim*.

Il-soċjeta' konvenuta *in linea* preliminari eċċepiet li dan it-Tribunal huwa svestit mill-ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi din il-vertenza u dan skond (i) it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu (*bill of lading*) in kwistjoni u (ii) ai termini tad-diposizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) Nru 593/2007 u/jew Nru 1215/2012.

Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha GasanZammit Motors Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim C151059) vs Sullivan Maritime Limited (C20340) bhala agenti tas-socjeta' estera Grimaldi Euromed Spa**[28] liema fatti speċi huma simili għal dawk tal-każ odjern, fejn il-Qorti rriteniet:

> *Kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet '**George Said noe et vs Joseph Ellul Sullivan noe'** deciza fit-3 ta' Ottubru 2013 fejn intqal li:*
>
> *"Huwa fl-ordni kemm logiku kif ukoll guridiku illi l-ewwel haga li trid tigi investita mill-Qorti, meta hekk tinsorgi, bhal fl-istanza prezenti, hi l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni. Dan hu bil-wisq ovvju in kwantu jekk tonqos il-gurisdizzjoni l-Qorti ma tkunx tista' tinoltra ruhha fuq il-meritu tal-kaz jew ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati;*
>
> *Bhal ma jirrizulta li hekk sar ukoll f' dan il-kaz, eccezzjoni bhal din htiegilha titqajjem in limine litis. Dan ghaliex "il-patt li bih tigi prorogata l-gurisdizzjoni jista' jigi rinunzjat minn dak li a favur tieghu l-patt ikun gie stipulat u jekk dik il-persuna konvenuta ma topponix l-eccezzjoni relativa in limine litis "si ha da ritenere che egli vi abbia rinunziato, ed in caso di tale rinunzia rivive la gurisdizione ordinaria e propria (Vol. XXIV P I p 1067)" –"**Charles Debono proprio et nomine –vs- John Caruana nomine**", Appell Kummercjali, 14 ta' Mejju 1971";*
>
> *Illi ma hemm l-ebda dubju li s-socjeta' attrici kif ukoll dik konvenuta huma registrati f'Malta, bl-indirizz taghhom f'Malta, u apparti tali jurisdiction clause li ser issir referenza ghaliha 'l quddiem, ma hemm l-ebda dubju li din il-Qorti*

[27] A fol 91 tal-proċess, ibid
[28] Rikors Numru: 254/2016CSH, deċiża fis-7 ta' Marzu, 2018

*ghandha gurisdizzjoni fuq dan il-kaz, ai termini tal-**Artikolu 742 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi dwar il-kwistjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minhabba deroga mahluqa minn klawsola ta' gurisdizzjoni, il-ligi tal-Procedura tistabbilixxi li l-fatt wahdu li jkun hemm Qorti ohra barranija li jkollha gurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.*[29]

*Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diga' kawza dwar l-istess haga jew konnessa maghha li qieghda tinstema' minn Qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawza bhal dik diga` mibdija, jidher li s-setgha li Qorti Maltija tqis u tisma' l-kawza tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skont l-**artikolu 742(1) tal-Kap 12.***

*Izda kif gie osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti fil-kaz fl-ismijiet "**Peter Arrigo noe v Dr. Chris Cilia et. noe**" (PA(JRM) - dec. fil-11 ta' Dicembru 2003):*

*"Sa minn zmien ilu, il-Qrati taghna taw gharfien lill-klawsoli gurisdizzjonali, u dan l-izjed taht is-sahha tal-principju tal-liberta' kuntrattwali tal-partijiet u l-iehor li pacta sunt servanda, u jigifieri li jekk parti tkun intrabtet b'patt likwistjoni kellha titresssaq quddiem qorti jew tribunal partikolari, dik ir-rabta ma setghetx tintesa jew titwarrab jekk mhux bi qbil bejn kulhadd*[30]*."*

*Izda ghalkemm kien hemm xi ftit kazijiet fejn l-ezistenza ta' klawsola bhal dik waslet biex il-Qorti qisitha bhala wahda tassattiva li tnehhi l-gurisdizzjoni taghha*[31]*, il-bicca l-kbira tad-decizjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin ghandhom kull jedd li jezercitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il-gurisdizzjoni taghhom*[32] *taht is-sahha ta' klawsola bhal dik. Dan il-hsieb jaqbel sewwa ma' dak li tipprovdi espressament il-ligi taghna llum, u l-fehma l-izjed accettata hija li klawsola bhal dik ma tistax titfisser bhala li tezonera ghal kollox u minn qabel il-gurisdizzjoni tal-Qorti li mqarr tistharreg il-kwistjoni*[33]*, u fejn, ikkunsidrati ccirkostanzi, jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola".(Vol. XXIV P I p 1067);*

*Is-socjeta' konvenuta bbazat l-eccezzjoni taghha dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni fuq il-klawsola 2 imsemmija 'Law and Jurisdiction' ( fol. 18) li tghid li "Any and all claims and/or disputes arising under the contract of carriage evidenced by this Bill of Lading or in connection there with shall be brought before and determined by the Courts of Naples and in accordance with the Law of Italy unless otherwise provided herein. <u>The carrier however reserves the right to take legal action against the Merchant and the holder as well at any other competent court</u>.(sottolinear ta' din il-Qorti)"*

[29] Art. 742(2) Kap. 12
[30] Ara, per ezempju, P.A. 12.3.1954 fil-kawza fl-ismijiet "Tonna Barthet vs Pace noe" (Kollez. Vol: XXXVIII.iii.653)
[31] Ara, per ezempju, Kumm. 6.10.1959 fil-kawza fl-ismijiet "Lucia noe vs Borg" (Kollez. Vol: XLIII.iii.870)
[32] Ara, per ezempju, Kumm. 6.10.1959 fil-kawza fl-ismijiet "Lucia noe vs Borg" (Kollez. Vol: XLIII.iii.870)
[33] Ara, per ezempju, App. Civ. 9.12.1935 fil-kawza fl-ismijiet "Frendo vs Naudi et" (Kollez. Vol: XXIX.i.1317)

*Minn gurisprudenza affermata in subjecta materja huwa ndiskuss illi patt bhal dak kontenut fil-polza surreferita huwa validu u jorbot di regola lill-partijiet. "Il patto nella polizza di carico per cui si dichiara tra tribunali concorrenti quale di loro dovra prendere cognizione di qualunque futuro litigio ad esclusione dell' altro tribunale e` valida" (**Castagna –vs- Denaro**" a Vol. XII p 252; "**P.L. Edoardo Frendo –vs- Dottor Roberto Naudi et nomine**" a Vol. XXIX P I p 1317);*

*B'danakollu l-Qrati pacifikament irrikonoxxew li jezistu eccezzjonijiet ghal din ir-regola; Hekk, ad exemplum, gie rikonoxxut illi "trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che possono accertarsi solo alla scaricazione, il domicilio reale e` quello determinato dal luogo della detta scaricazione della merce, ed e` innanzi al tribunale del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolmente svolgersi e definirsi." ("**Negte. Andrea Gatt nomine -vs- Negte. Gustavo Gollcher nomine**" a Vol. XXIII P III p 484);*

*Avolja jkun hemm klawsoli f'dak is-sens, il-Qrati Taghna ghandhom gurisdizzjoni meta tkun kwistjoni ta' atti ta' avarea, jew ta' verifika ta' danni li ma tistax issir hlief hawn Malta; jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta' barra ahjar, jew b' anqas spejjez u f'anqas zmien milli quddiem it-Tribunali Taghna." (Kollezz. Vol. XXIX P I p 1317; Vol. XX P III p 32; Vol. XVII P II p 33);*

*Tali principju dwar ir-regola tal-validita` tax-xelta tat-tribunal elett fil-polza u l-eccezzjonijiet ghall-istess principji motivati minn ragunijiet ta' espedjenza logika baqghu jigu konsegwiti. Dan kif manifest fid-decizjonijiet fl-ismijiet "**Yves Thomas nomine –vs- Ray Angeland nomine**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar 1975, "**Reginald Micallef et nomine –vs- Chev. Silvio Mifsud et nomine**", Appell Kummercjali, 26 ta' Novembru 1991 u "**Avv. Dr. Giannino Caruana Demajo nomine – vs- Maurice Spiteri nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1995).*

*Gie sostnut fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol. 5 taghha) li huwa principju fundamentali fil-ligi tal-kuntratti, li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet ghandu s-sahha tal-ligi, u ghalhekk ghandu jkun rispettat mill-partijiet, u mill-Qorti (pacta sunt servanda); u ghall-kaz taht ezami l-polza ta' karigu hija kuntratt ta' bejn il-partijiet.*

*Illi fil-kaz **John Galdes noe vs Joseph Bowman noe** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 1993 inghad li:*

*"Klawsoli ta' arbitragg li jeskludu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta huma validi izda mhux dejjem assoluti. Fil-fatt, minkejja klawsola bhal dik, il-Qrati ta' Malta xorta ghandhom gurisdizzjoni limitata ghall-konstatazzjoni tan-nuqqas jew tal-hsara riportata fil-merkanzija, izda mhux ukoll biex jiddeterminaw talba dwar responsabbilta`."*

*Fil-kaz '**Reginald Micallef u Walter Camilleri noe. vs Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud noe**' deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 1991, sar ezami tal-*

*gurisprudenza taghna kif ukoll tad-duttrina relevanti. Dan il-kaz elenka l-gurisprudenza in kwistjoni. Illi f'dan il-kaz, saret referenza ghall-kaz* ***Cesareo vs Denaro****, 5 ta' Frar 1889, Vol. Xii.127, fejn giet rifjutata l-gurisdizzjoni:*

*"Che dall' art. 27 delle Polizze di Carico esebite…. Risulta che per qualunque domanda di indennizzo,….il ricevitore che volesse portare in giudizio la societa` deve chiamarla innanzi al tribunale delle Sede del Compartimento, a cui appartieni il piroscafo, restando d'acordo, esclusa la competenza del tribunale del caricature e ricevitore…. E sebbene secondo le regole generali la Corte di Malta avrebbe giurisdizione, e sarebbe competente a prendere cognizione di cause concernanti merci arrivate in questo porto, tuttavia, cio` non escluderebbe la giurisdizione pure delle Corti del convenuto e del luogo del contratto."*

*Illi fl-istess kaz, imbaghad sar accenn ghal* ***Galea vs Hammer****, Kummerc tal-14 ta' Mejju 1907 Vol.XX.III.32, li kienet tirrigwarda danni fil-merkanzija skarikata f'Malta mill-bastiment "Marco Mingetti", fejn inghad:*

*"per cio` che concerne l'istruzione di avaria, poiche` rendesi il piu` delle volte impossibile la verificazione del danno per parte del tribunale estero di merce in Malta, od almeno tale esame non potrebbe essere effettuato con quella essenziale per conservazione della merce medesima";*

*Di piu` gie ritenut:*

*"percio` che concerne la domanda per il pagamento o la decisione se I danni cadano o no entro I rischi assunti dalla compagnia, od altrimenti a decider sulle clausole della polizza";*

*B'hekk, il-problema tal-gurisdizzjoni giet maqsuma fi tnejn: pozittiva ghal parti eminentement funzjonali u istruttorja kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni, u negattiva ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta` u l-kundanna ghall-pagament tad-danni.*

*Dan kien gie segwit fil-kaz '* ***Pace vs Civitelli****, Kummerc deciza fis-6 ta' Lulju 1911, Vol. XXI.III.71, fejn gie ritenut:*

*"L'odierna azione e` diretta contro la compagnia non per fatti connessi colla navigazione e col trasporto o sbarcodella merce, ma per colpe che si allegano commesse a danno dell'attore in queste isole, e pertanto il tribunale competente e quello di quest' isole….."*

*Imbaghad fil-kaz* ***Gatt vs Gollcher*** *deciza fl-14 ta' Novembru 1916, Vol. XXIII.III.484 ikkonkludiet li ghalkemm klawsoli ta' referenza ghall-gurisdizzjoni partikolari huma validi:*

*"…..ma tali clausole non fanno venire meno la competenza del tribunale del domicilio reale, la quale sussiste malgrado la inserizione di tali patti…."*;

*U d-"domicilio reale" gie deskritt hekk:*

*"e quello determinato dal luogo della scaricazione della merce, trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che solo possono accertarsi, alla scaricazione, ed e` innanzi il tribunal del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolmente svolgersi e definirsi";*

*Il-kaz '**<u>Reginald Micallef et noe vs Chev. Silvio Mifsud et noe</u>'** enuncjat hawn fuq li elenka din il-kazistika, u dan gie ribadit ukoll li l-poloz ta' karigu intizi ghat-trasport internazzjonali huma dejjem soggetti ghal The Hague Rules, u ghalhekk klawsola bhal din ta' gurisdizzjoni fil-polza ta' karigu ma tinghatax valenza internazzjonali.*

*Ukoll, fil-kawza, '**<u>Middlesea Insurance Company Limited noe vs Sullivan Maritime Limited noe</u>'** deciza mill-Qorti Civili Prim' Awla fit-12 ta' Mejju 2004, inghad:*

*"Il-Qrati Taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom tant li llum, huwa stabbilment pacifiku li patt simili kontenut f'bill of lading, ghalkemm validu f'sens guridiku, ma jnehhix ghal kollox id-dritt gurisdizzjonali tat- tribunali lokali milli jinvestu kwistjonijiet ta' verifiki ta' danni f'merkanzija. Ir-ragunijiet avvallati minn ezami ta' xi sentenzi huwa b'mod jew wisq, dak li l-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni biex jiddeciedu dwar il-validita` tal-poloz. (**<u>John Bonello noe. vs John Ripard noe</u>.,** Appell, 7 ta' Ottubru 1997) jew f'kaz li tqum kwistjoni ta' atti ta' averea, (Kollez. Vol.. XX P III p 32; Vol. XX111 P111 p 484) jew ta' accertament ta' hsarat li ma tistax issir hlief hawn Malta jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta' barra ahjar, u b'anqas spejjez u f'anqas zmien milli quddiem it-tribunali taghna (Kollez. Vol. XXIX PI p 1317; "**<u>Avv. Peter Borg Costanzi nomine vs Ernest Sullivan nomine</u>**,"Appell, 7 ta' Ottubru 1997).*

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Middlesea Insurance Company Limited noe vs Sullivan Maritime Limited noe</u>'** u s-sentenza fil-kawza '**<u>Bonello vs Ripard et</u>'** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti ta' l-Appell li qalet:*

*"Dak li jrid jigi ezaminat huwa propriju jekk hemmx ragunijiet sufficjenti sabiex il-Qrati taghna jezercitaw il-gurisdizzjoni residwa li jifdlilhom anke meta jkun hemm klawsola li tiddifetta mill-gurisdizzjoni ta' l-istess qrati".*

*Fil-kaz Ingliz, The Eleftheria, (1970)*[34] *citat minn **Cheshire and North** fil-ktieb "**Private International Law**"*[35] *il-principji li huma applikati minn Qorti Ingliza rinfaccjata b'talba ghas-soprasessjoni minhabba "exclusive jurisdiction clause" huma:*

*"..(2)The discretion (to stay) should be exercised by granting a stay unless a strong cause is shown for not doing so.(3)The burden of proving such strong cause is on*

[34] P.100

[35] 10th ed. P. 114

*the plaintiff.(4)In exercising its discretion the court should take into account all the circumstances of the particular case.(5)In particular, but without prejudice to (4), the following matters:-(a) in what country the evidence on the issues of fact is situated,or more readily available , and the effect of that on the relative convenience and expense of trial as between the English and foreign courts.(b)Whether the law of the foreign court applies and , if so, whether it differs from English Law in any material respects(c) With what country either party is connected and how closely.(d) Whether the defendants genuinely desire trial in the foreign country or are only seeking procedural advantages. (e) Whether the plaintiffs would be prejudiced by having to sue in a foreign court because they would be (i) depriced of security for their claim; (ii) be unable to enforce any judgment obtained; (iii) be faced with a time bar not applicable in England, or (iv) for political, racial , religious or other reasons be unlikely to get a fair trial."*

*Il-Qrati taghna stabbilew linja ta' principji gwida li, huma kompatibbli mal-principji enuncjati fl-The Eleftheria fuq citat.*

*Hekk ad ezempju, johrog mir-ragunament tal-Imhallef A. Parnis fis-6 ta' Lulju 1911 fil-kawza "**Giovanni Pace -vs- Gennaro Civitelli noe**":-*

*"La Corte come presieduta ritiene che quella clausola nel commercio marittimo deve essere attesa quando colla stessa non venisse recato un grave pregiudizio al caricatore o ricevitore nel senso che il rinviarlo innanzi al tribunale del compartimento al quale appartiene il vapore lo metterebbe nella impossibilita` di proseguire la causa, e quando per la natura delle circostanze per le prove da essere addottati, l'esercizio dell'azione in queste Isole importerebbe economia di spese e non sarebbe pregiudizievole alla difesa per parte del vapore e dei suoi proprietari. In altri termini la clausola escludente la competenza del tribunale e` soggetta ad eccezioni, avuto riguardo alla circostanza ed avuto riguardo al fine pel quale quella clausola e` stata introdotta."*

*Illi kif gie ritenut fil-kawza "**Dr. Michael Scriha nomine vs Il Pamento Limited**" (P.A. RCP. 9 ta' Jannar 2001) l-gurisprudenza nostrali hija konsistenti u tipprovdi, kif inghad inter alia fis-sentenza "**John Galdes nomine vs Joseph Bowman nomine**" (K. F. 21 ta' Gunju 1993) li:*

*"Illi skont l-evoluzzjoni fid-dottrina li temani mill-gurisprudenza lokali jidher li tali kwalsoli bhal dik iccitata 'supra' huma legalment validi pero' m'humiex assoluti dejjem. Di fatti f'numru ta' kazi l-Qrati irritenew li nonostante tali klawsola, xorta ghandom gurisdizzjoni in kwantu u limitatament ghal kostatazzjoni tan-nuqqas jew tal-hsara rriporatata fil-merkanzija de quo".*

*Illi dan isir peress li meta trid issir konstatazzjoni tal-kwalita' tal-merkanzija, l-allegata mankanza jew difetti li setgha fiha, jew dwar nuqqasijiet dwar l-istess merkanzija, il-Qrati taghna konsistentement irritenew illi meta l-istess merkanzija*

*tinsab hawn Malta ( kif inhu l-kaz in desamina) , id-determinazzjoni tad-domicilju reali, fejn trid issir l-ezami tal-istess merkanzija, huwa dejjem Malta, minhabba li jekk tali verifiki jsiru f'post iehor, fejn ovvjament ma hemmx tali merkanzija, dan issir hafna aktar difficli jekk mhux impossibbli. ("**Robert Bonello nomine vs Agostina Mifsud et nomine**". - K.S.S. 30 ta' April 1993- XXX D. iii. 373.- "**Micallef et nomine vs Chev. Mifsud et nomine**. - A.C. 26 ta' Ottubru 1991)*

*Illi tal-istess portata huma s-sentenza citata sopra "**Negoziante Andrea Gatt vs Negoziante Gustavo Gollcher**" (K. 14 ta' Novembru 1916 - XIII. iii. 484) fejn inghad illi "il domicilio reale e' quello determinato dal luogo della scaricazione della merce trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che possono solo accettarsi alla scaricazione, ed innanzi al tribunale del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolamente svolgersi e defenirsi".*

*Illi kien ghalhekk u fuq dawn il-principji li l-Qorti fil-kawza "**Prokuratur Legali Edoardo Frendo vs Dottor Roberto Naudi et nomine**" (A. K. 9 ta' Dicembru 1935 - XXIX E. i. 1317) sostniet li, nonostante il-klawsola dwar gurisdizzjoni esklussiva ta' Qorti estera, din il-Qorti xorta ghandha gurisidizzjoni li tisma' l-kaz, jekk dan ikun iktar kompattibbli ghad-determinazzjoni tal-pendenza, u iktar facli li tali kwistjoni tigi ezaminata b'mod iktar prattiku, kemm ghaliex l-oggetti jkunu hawn Malta, u kemm ghaliex tali sentenza tkun tista' tigi esegwita hawn Malta.*

*Fil-kaz imsemmi, fil-fatt kien jittratta dwar konsenja ta' injam, li l-konvenut sostna li kienet ta' kwalita' inferjuri, u peress li tali merkanzija kienet Malta, mela allura l-istess Qorti kkonfermat il-gurisdizzjoni taghha. ("**Galea vs Hammer**" - XX.iii.32; - "**Pace vs Civitelli**" - XXI. iii. 71; "**Thomas vs Angeland**" - K. 20 ta' Jannar 1975); "**P.L. Edoardo Frendo vs Dr. RobertNaudi"** - A.C. 9 ta' Dicembru 1935.*

*Inoltre Council Regulation EC 44/2001 fl-Artikolu 5 jsemmi li:*

*"A person domiciled in a Member State, may in another Member State be sued:*

*(a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question."*

*Izda kull kaz ghandu il-fattispecje partikolari tieghu u d-diskrizzjoni finali hija dejjem tal-Qorti. Sta ghalhekk ghas-socjeta' attrici li tikkonvinci lill-Qorti ghaliex hija ghazlet li tissorvola l-klawsola gurisdizzjonali fil-polza.*

Il-Qorti kompliet li:

*Fil-kaz in ezami l-vetturi gew skarikati Malta, id-danni gew identifikati Malta; u dawk li ser jixhdu dwar id-danni huma nies li principalment jirresjedu Malta. Issa skond il-Bill of Lading l-obbligu tal-Carrier kien li jwassal il-vetturi Malta.*

*Jinghad li din il-klawsola ta' gurisdizzjoni tnizzlet fil-Bill of lading li jinhareg una volta u biss wara li l-merkanzija tkun diga' tghabbiet fuq il-vapur u ghalhekk zgur*

*li s-socjeta' attrici ma kellhiex l-opportunita li tinnegozja din il-klawsola. Jinghad ukoll li din il-klawsola hija miktuba 'f'print irqiq hafna fuq 'l wara tal-polza. Jinghad ukoll li ma jirrizultax minn dak li xehdu l-partijiet li tali klawsola giet inserita b'xi ftehim bejn il-partijiet anzi zgur li s-socjeta' attrici ma kellha l-ebda involviment. In oltre m'hemmx dubju li l-esekuzzjoni ta' din is-sentenza ghandha issir hawn Malta u ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet multiplici, l-Qortti hija tal-fehma li ghandha gurisdizzjoni.*

*Wara li l-Qorti hadhet in konsiderazzjoni dak kollu li qalu z-zewg partijiet fin-noti taghhom u dak kollu li gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana, u in vista tal-fatt li s-socjeta` attrici qed tipprocedi ghad-danni, hija tal-fehma li l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar il-gurisdizzjoni mhix attendibbli.*

*Illi l-Qorti tifhem li minn qari tal-istess sentenzi, jirrizulta li l-kriterji li ggwidaw lill-Qrati taghna kienu dawk ta' pratticita', konvenjenza u espedjenza in kwantu l-foro naturali sabiex jigi stabbilit xi nuqqas fil-kunsenja kienet tkun il-post tal-iskarikar tal-merkanzija.*

It-Tribunal jaqbel perfettament mas-sentenza hawn fuq ċitata. Fil-każ in diżamina l-vetturi ġew mħotta ġewwa Malta, kif ukoll id-danni ġew identifikati hawn Malta. Il-persuni li xehdu dwar id-danni huma persuni li jirrisjedu ġewwa Malta. Skont il-*Bill of Lading,* l-obbligu tal-*carrier* kien li jwassal il-vetturi ġewwa Malta. Jirriżulta wkoll li l-*Bill of Lading,* intbagħtet wara li l-merkanzija kienet ġja waslet Malta liema fatt ġie kkonfermat minn Emanuel Portelli fil-kontro-eżami:

***Dr. C. Pace Zarb:*** *Jigifieri f'dan il-kaz li qed nifhem il-consignee rċieva l-vetturi qabel ma kellu fil-pussess tiegħu l-bill of lading, jew kopja tal-bill of lading. U jiġifieri kemm tibgħatulhom notice of arrival tal-konsenja?*

***Xhud:*** *Iva*[36]

Għalhekk żgur li s-soċjeta' attriċi ma kellhiex l-opportunita' li tinnegozja din il-klawsola. Jirriżulta wkoll li l-klawsola hija miktuba b'tipa rqiqa ħafna. Jirriżulta wkoll li ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex tali klawsola tiġi inserita anzi ma jirriżultax li s-soċjeta' attriċi kellha xi involviment.

Kif ġja ingħad iktar 'il fuq it-Tribunal jaqbel perfettament mas-sentenza hawn fuq ċitata u għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija t-Tribunal huwa tal-fehma li għandu ġurisdizzjoni sabiex ikompli jisma l-kawża odjerna.

Għaldaqsant it-Tribunal qed jiċħad din l-eċċezzjoni preliminari.

---
[36] A fol 88 tal-proċess

Issa t-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-mertu u ser jibda billi jagħmel kronoloġija tal-fatti tal-każ odjern.

- GasanMamo Motors Limited assikura mas-soċjeta' attriċi konsenja ta' diversi vetturi Ford li ġew Malta minn Spanja *tramite* l-kumpanija Grimaldi Lines, liema arranġament sar direttament minn Ford;

- Il-vetturi waslu Malta fit-8 ta' Awissu 2022 abbord il-vapur EuroCargo Catania;

- Malli waslu Malta irriżulta li kien hemm diversi ħsarat fuq vettura partikolari biċ-*chassis number* WFOFXXWPMHNM03958;

- Il-ħsarat fuq din il-vettura kienu jammontaw għas-somma ta elfejn, disa' mija, sitta u ħamsin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€2,956.91);

- Is-soċjeta' attriċi ħallset lil klijent GasanMotors Limited u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu;

- Is-soċjeta' attriċi inkarigat lis-*surveyor* Jason Vassallo tad-ditta Equitas, liema spiża tammonta għas-somma ta' erba' mija u sebgħa u sittin Ewro (€467);

- Wara li ħallsu l-*claim,* is-soċjeta' attriċi bdiet il-proċeduri sabiex tinġabar is-somma pretiża permezz tal-kawża odjerna.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li "*kwalunkwe dannu li setgħet soffriet il-vettura qabel ma' din tgħabbiet fuq il-bastiment, m'għandux ikun responsabilita' tal-vettural, wisq inqas tal-aġent tiegħu, speċjalment jekk dan l-aġent jinsab f'pajjiż differenti minn fejn seħħet il-prenotazzjoni u t-tgħabbija tal-vettura. Fir-rigward tal-kunsinna, il-polza ta' karigu tgħid li l-kunsinna sseħħ meta l-merkanzija tiġi rilaxxata mill-bastiment fil-port taż-żbarkament. Dan ifisser b'mod ċar li, mill-mument li l-vettura titlaq mir-rampa tal-bastiment, la l-vettural u wisq inqas l-aġenti tiegħu jkunu responsabbli taħt il-kuntratt ta' ġarr għal kwalunkwe dannu li jista' jinqala' minn dak il-punt 'il quddiem. L-istess jista' jingħad għal x'jiġri qabel mal-vettura titla' abbord. Għadaqstant, il-mistoqsija naturali hija kif jista' jiġi eskluż li d-dannu li ġie allegatament osservat fil-car compound tat-terminal ma seħħx qabel ma tgħabbiet jew waqt li niżlet mir-rampa*"[37]. Fil-kontro-eżami Emanuel Portelli[38] qal:

> *Xhud: Yes il-pre-shipment isir again in accordance with the agreements li hemm bejn, il-shipper u l-vettural, f'dan il-każ il-carrier u hemm ċertu ammissjonijiet ta' damages illi huma kkunsidrati bħala mhux responsabbli vapur, jiġifieri jekk aħna qed nitkelmu fuq dent żgħira, il-karozza titlaq, titgħabba, jekk il-karozza hija mgħaffġa ovvjament se jsir rimarka.*
>
> *Dr. C. Pace Zarb: Pero' naqblu illi bħala fatt, il-bill of lading trid tirrifletti f'liema stat ittellgħu il-vettura fuq il-karozza regardless jekk il-bastiment għandux*

[37] Vide affidavit ta' Emanuel Portelli, l-aħħar paragrafu a fol 68 tal-proċess
[38] A fol 90 tal-proċes

*responsabilita għal dawn il-ħsarat jew le, dawk imbagħad joħroġ mit-terms of conditions tal-bill of lading.*

*Xhud: Eħe imma stipulata jiġifieri qiegħda msemmija li l-vapur u l-carrier mhux responsabbli.*

*Dr. C. Pace Zarb: Jiġifieri int qed tgħid sempliċiment għax il-carrier ma jkunx responsabbli ma jnizzilx li hemm din il-ħsara qabvel ma ttella?*

*Xhud: Le mhux obbligat li jniżżel.*

*…*

*Tribunal: Tiċċekjawhom l-karozzi qabel ma jiġu mgħobbija fuq il-vapur?*

*Xhud: Le jkun hemm checking ta' kif għidt qabel illi dent żgħar illi trid tiġi eżatt close mal-karozza imma għax inkella vapur ma jitlaq qatt mill-port, pero' jekk jiena karozza għandha daqqa viżibbli b'affarijiet miksurin, tittieħed nota iva, li maħseb hija normali. Ħeqq tally sheet hawn Malta bil-kalma kollha wkoll saret ħażin, jiġifieri*

*Dr. C. Pace Zarb: U tiġi riflessa fil-bill-of lading hux hekk?*

*Xhud: Le*

*Dr. C. Pace Zarb: Jekk ikollha ħsara kbira?*

*Xhud: Le m'hemmx il-pre-shipment document li it will be binding at that point?*

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi wkoll li anke jekk id-danni seħħew waqt li l-vettura kienet fit-traġitt tagħha lejn Malta u b'xi forma ta' tort kontribwit lill-vettural fil-wiċċ tal-Polza ta' Karigu, b'mod ċar u inekwivoku hemm miktub:

> *"New unpacked and unprotected vehicle. The vessel, carrier, master, crew and/or agent/s are not responsible for dents, bents, scratches, bumps… and /or damage whatsoever of any kind, even if not noticed before the shipment[39]".*

Issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ignazio Anastasi Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi. vs Advance Shipping Limited bhala operaturi tal-bonded stores u BAS Limited bhala rapprezentanti talarmaturi/charterers tal-bastiment OOCL Harmony jew min minnhom[40]** fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet:

> *Kif gja drabi ohra rilevat, "id-dottrina in materja turi li mhux il-klawsoli kollha ta' ezoneru huma leciti, u ma jistghu qatt ikunu leciti sal-punt li bihom ikun hemm dik*

[39] A fol 69 tal-proċess, affidavit ta' Emanuel Portelli

[40] Appell Ċivili Numru: 572/2001/1 mogħtija mill-Imħallef Sciberras fis-7 ta' Lulju, 2003

*li tissejjah 'assicurazione delle colpe proprie'. "**Paul Camilleri et – vs- Paolo Mifsud et**", Appell Kummercjali, 8 ta' Marzu 1957 a Vol XLI pI p616.*

*Din hi gurisprudenza sana hafna anke ghaliex mhux sewwa li klawsoli generici ta' ezoneru jeludu l-indagini tat-tribunali biex jigi assigurat li r-relazzjonijiet kontrattwali jigu esegwiti fir-rispett shih tad-drittijiet u tal-obbligi assunti.*

*Il-principju ghandu jibqa' dejjem dak li d-depozitarju ta' oggetti fdati lilu jibqa' responsabbli u jkollu allura jwiegeb ghall-hsarat jew nuqqasijiet fil-merce meta dawn, bhal f'dan il-kaz, jigu addebitati lilu. Kif gie osservat "klawsola ta' ezoneru ma kienx ikollha l-valur li tezonera lid-debitur mid-dolo u l-culpa gravi, ekwiparata mad-dolo, u mill-colpa ljievi li tigi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diligenza li l-ligi tirrikjedi fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni in genere" – "**Avv. Peter Borg Costanzi nomine –vs- Sullivan Maritime Limited et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.*

Jirriżulta li mal-wasla tal-vetturi fil-*car compound*, Attilio Zammit fil-kariga ta' *Operation Supervisor* li xogħolu hu li jiċċekja l-vetturi fil-*car compound* innota li l-vettura mertu tal-kawża odjerna kellha *both sides scratched, one charging cable only, luggage booth locked*, *dust, dirt and bird droppings*, liema informazzjoni ġiet mniżżla fit-*tally sheet*[41]. Mix-xhieda tal-istess Attilio Zammit jirriżulta wkoll illi fit-*tally s*heet huwa ħa żball u erronjament minflok kiteb in-numri 03958 huwa kiteb in-numri 03950 liema żball ġie identifikat wkoll fil-*Gate Pass - Out* datata 12 ta' Awissu, 2022[42] ffirmat minnu stess. Huwa spjega wkoll illi għalkemm fit-*tally sheet* kiteb *both sides scratched*, fil-*Gate Pass – Out* kiteb biss *left side scratched* għaliex ikun mar is-sid u ra li l-girfa tkun titlaq, u għalhekk fil-*Gate Pass - Out* ma titniżżilx. Jirriżulta għalhekk li l-vettura mertu tal-kawża ġiet spezzjonta eżatt mal-wasla tagħha ġewwa Malta.

Jirriżulta li l-għada fid-9 ta' Awissu, 2022, Jason Vassallo fil-kariga ta' *Cargo Surveyor* mal-Equitas spezzjona il-konsenja tal-vetturi flimkien ma Curt Farrugia bħala rappreżentant ta' GasanZammit Motors Limited fejn nnota li item 33 (indikat fir-rapport tiegħu) u li hi l-vettura mertu tal-kawża odjerna, kellha ħmieġ tal-għasafar fuq il-*bonnet* u fuq is-saqaf u kif ukoll brix mal-*mudguard* ta' quddiem, mal-*bumper* ta' quddiem, mal-bieba ta' quddiem tax-xellug, il-*mudguard* ta' quddiem tax-xellug, fuq il-bieba tax-xellug ta' wara u fuq il-*mudguard* ta' wara tax-xellug u l-*wheel arch* tax-xellug ta' wara. Għaldaqstant jirriżulta li dawn il-ħsarat huma kompatibbli mal-ħsarat imsemmija fil-*Gate Pass – Out*.

Mill-atti ma jirriżultax li l-*pre-shipment document* ġie esebit, minn liema dokument jirrifletti wkoll informazzjoni jekk il-vetturi kellhomx xi ħsarat qabel ma tgħabbew fuq il-vapur. Madanakollu, mill-*bill of lading* esebit[43] jirriżulta li l-merkanzija ġiet "*shipped in apparent good order and conditions (unless otherwise noted herein)*". Għalhekk ma hemm l-ebda prova li kien hemm xi nuqqasijiet qabel it-traġitt. Fin-nuqqas ta' prova oħra, għalhekk it-Tribunal huwa konvint li l-ħsarat seħħew fit-traġitt tal-merkanzija lejn Malta, f'liema każ is-soċjeta'

[41] A fol 49 tal-proċess
[42] A fol 48 tal-proċess
[43] A fol 71 tal-proċess

konvenuta kellha tassigura li l-merkanzija ma ssirilha l-ebda ħsara u li titwassal fl-istess kundizzjoni li rċivietha.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, jilqa' t-talba attriċi billi jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' globali ta' tlett'elef, erba' mija u tlieta u għoxrin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€3,423.91) rappreżentanti kwantu għas-somma ta' elfejn, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżimu (€2,956.91) rappreżentanti ħsarat u danni sofferti mill-assikurata tas-soċjeta' attriċi GasanZammit Motors Limited u kwantu għal erba' mija u sebgħa u sittin Ewro (€467) rappreżentanti *survey fees* relattivi għall-istess *claim*, bl-imgħax dekorribbli mill-21 ta' April, 2023[44] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu unikament mis-soċjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**

[44] Data skont it-Talba.